## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KAWŻA TAS-SESSJONI TAT-TRAFFIKU, NUMRU 913/2022: **IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. KHALIL AL HUSSEIN (KI. 145487A)**

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**4 ta' Ottubru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI inti akkuzat/a** talli fit-02/01/2022 ghall-habta ta' 14:05 hrs, gewwa Triq Hal-Qormi, Hamrun, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni MTS 111;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan **Sec 15(1)(a)(3), Chap. 65**
2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**
3. Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b'xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu **Sec. 338(ee), Chap. 9**
4. Soqt l-imsemmija vettura bi hgieg skurat (tinted) meta kien gie applikat xi kulur, film, sustanza jew materjal iehor minghajr il-permess t' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta **Reg. 110 A (4)(5), L.S. 65.11**

wara li rat li fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2022 l-imputat eċċepixxa l-preġudizzjali tan-*ne bis in idem* in kwantu skond hu l-fatti naxxenti mill-inċident li kellu mal-uffiċjali tal-Pulizija fit-2 ta' Jannar 2022 għal ħabta tas-sagħtejn u ħamsa ġewwa Triq Hal Qormi, il-Hamrun diġa ġie ġġudikat dwarhom u misjub ħati quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja permezz tal-kontravvenzjonijiet numru 108-35609-8 u 108-35610-1;

wara li semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jitrattaw din il-preġudizzjali fl-istess seduta;

wara li rat l-atti proċesswali inkluż l-affidavits ta' PC 167 Philip Camilleri u PC 479 F. A. Portelli u d-dokumenti esebiti mid-difiża;

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Il-Qorti rat li skond dak li xehed PC 167 P. Camilleri fl-affidavit maħluf tiegħu fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi huma kienu waqqfu lill-imputat peress illi dan kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Mercedes (bin-numru ta' reġistrazzjoni MTS111) li kellha l-*windscreen* u l-ħġieġ ta' wara *tinted* skur. Meta l-imputat intalab jippreżenta xi dokumenti, fosthom il-liċenzja tas-sewqan u l-polza tal-assigurazzjoni, dan ippreżenta dokumenti li skond il-Pulizija ma' kienux validi u għalhekk infurmawh b'dan il-fatt. Skond PC 167 hawnhekk l-imputat beda jinnervja u jallega li l-Pulizija kienu qed jaqbdu miegħu. Apparti li beda jargumenta magħhom huwa neħħa l-maskla minn fuq ħalqu u mnieħru u beda jpejjep f'wiċċhom minkejja l-ordnijiet ripetuti tal-Pulizija sabiex jirrispetta l-liġi fiż-żmien tal-pandemija. L-imputat beda jirrabbja u tefa sigarett mal-art u njora l-ordni tal-Pulizija sabiex jgħaddilhom dokument ta' identifikazzjoni.

2. Il-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' PC 479 F.A. Portelli li fis-sustanza huwa l-istess bħal dak tal-kollega tiegħu anke għaliex kienu flimkien meta seħħ l-allegat inċident.

3. Il-Pulizija xliet lill-imputat permezz ta' ċitazzjoni maħruġa fl-1 ta' Frar 2022 bl-imputazzjonijiet illi **fit-2 ta' Jannar 2022 għall-ħabta ta' 14.05 hrs ġewwa Triq Ħal Qormi, Hamrun**:

    a. Saq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan;
    b. Uża vettura meta ma' kienx kopert għall-użu tagħha dwar ir-riskji ta' terzi;
    c. Naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom;
    d. Saq il-vettura bi ħġieġ skurat (*tinted*) mingħajr il-permess tal- Awtorita' għat-Trasport f' Malta.

4. Mid-dokumenti ppreżentati mid-difiża jirriżulta illi fis-17 ta' Marzu 2022 l-imputat tressaq quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja bl-akkuża (avviz ta' kontravvenzjoni numru 108-35609-8) illi **fit-2 ta' Jannar 2022 fis-2.35pm** naqas milli josserva d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2020 dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp maħruġa mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika (L.S. 465.48). Fis-**17 ta' Marzu 2022** huwa nstab ħati u ġie mmultat is-somma ta' mitt euro (€100).

Jirriżulta ukoll illi fl-istess ġurnata huwa tressaq quddiem l-istess Kummissarju tal-Ġustizzja bl-akkuża separata (avviz ta' kontravvenzjoni numru 108-35610-1) illi **fit-2 ta' Jannar 2022 fis-2.35pm** tefa' żibel f'post pubbliku bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40. Fl-istess ġurnata ossia fis-**17 ta' Marzu 2022** huwa nstab ħati ukoll u ġie mmultat is-somma ta' tlett mitt euro (€300).

5. Il-preġudizzjali ta' *ne bis in idem* jeħtieġ li tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 527 tal-Kap. 9 u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fid-dawl tal-ġurisprudenza fir-rigward. L-Artikolu 527 tal-Kap. 9 jipprovdi illi:

   « Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra. »

   L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa iktar wiesa' billi jitratta kemm kawżi li jkunu ġew deċiżi favur l-imputat u kemm dawk li jkunu ġew deċiżi kontrih:

   « Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat. »

6. F'dan il-każ jirriżulta li kien hemm inċident fattwali wieħed fid-data, ħin u lok in kwistjoni bejn il-Pulizija u l-imputat. Kif ingħad mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet"**R v. Rosaria Portelli**" (23/02/1904, Vol XIX, Pt IV, Pġ 1):

   « La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresse non intende semplicemente il fatto storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso »

7. Issa f'dan il-każ il-fatti ġuridiċi li l-imputat seta kien qed isuq vettura bi ħġieġ skurat mingħajr awtorizzazzjoni, mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr ma' kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi – li lkoll flimkien skatenaw l-azzjoni penali odjerna kontra l-imputat – huma differenti u materjalment distingwibbli mill-aġir tal-imputat illi ma' libisx il-maskla skond ir-Regolament msemmi u mill-aġir tiegħu illi rema sigarett fl-art, li lkoll wasslu sabiex jitressaq quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja akkużat b'dawk il-kontravvenzjonijiet li tagħhom instab ħati, anke jekk dawn il-fatti kollha seħħew fl-istess kuntest t'azzjoni.

8. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>"Il-Pulizija v. Salvatore Saliba</u>**" (28/02/1953) il-Qorti tal-Appelli Kriminali stqarret illi:

   « Biex jista' jingħad li hemm l-estinzjoni minħabba sentenza preċedenti hemm bżonn li jkun l-istess fatt fiżikament rigwardat (ara art. 521 Kap. 12) ; ma hux biżżejjed li jingħad li sar fl-istess kuntest ta' azzjoni, għaliex jista' jagħti l-każ li jsir fl-istess kuntest t'azzjoni, u ntant ikun materjalment distingwibbli »

9. Fin-Noti tiegħu dwar il-Proċedura Kriminali, il-Professur Anthony Mamo jgħid hekk:

   « But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be placed on the very same fact. (Criminal Appeal: 'Il-Pulizija vs Piscopo' 21 ta' Marzu 1953). The mere circumstances that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events. (v. Cr.App. 'Pulizija vs Saliba 28/2/1953 and Pol versus Cassar 9/1/1954; cf also Cr.App Police versus Attard.') »

10. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* ma' tapplikax fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni.

11. Madanakollu l-imputat qiegħed jiġi mixli ukoll quddiem din il-Qorti (it-tielet imputazzjoni) illi huwa naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija (bi ksur tal-Art. 338(ee) tal-Kap. 9). Mill-affidavit tal-Pulizija joħroġ ċar illi din l-akkuża nħarġet proprju għaliex minkejja li dawn taw ordnijiet ripetuti sabiex iżomm id-distanza u jilbes il-maskla sewwa, huwa naqas milli jagħmel u kif ukoll naqas milli jfornihom b'dokument ta' identifikazzjoni minkejja li ġie mitlub jagħmel hekk. Tirriżulta għalhekk rabta fattwali bejn in-nuqqas ta' ħarsien immedjat u bla protesti tal-ordni leġittima u t-taħrika għan-nuqqas li jilbes il-maskla sewwa skond il-liġi.

12. Dan ifisser illi l-Prosekuzzjoni ma' kelliex tispigola din l-imputazzjoni ta' natura penali msemmija mill-fatt li l-imputat naqas milli jilbes il-maskla u tipprosegwixxi bihom quddiem fora differenti ladarba l-fatt u l-kuntest ġuridiku li tnisslu fihom kienu identiċi. L-għażla tal-Prosekuzzjoni kienet jew li tressaq lill-imputat bl-akkużi kollha quddiem din il-Qorti (xi ħaġa li l-liġi tippermettiha taħt l-Art. 3(3) tal-Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta, jew inkellha li tagħmel kif għamlet pero ma' tressaqx ukoll lill-imputat quddiem il-Qorti b'din it-tielet imputazzjoni.

13. L-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* għalhekk jistħoqqilha tiġi akkolta fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

**Għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi u għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qed tilqa' l-preġudizzjali tan-*ne bis in idem* limitatament għat-tielet imputazzjoni filwaqt li tiddikjara li l-kawża għandha tkompli fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra.**

V.G. Axiak

Maġistrat

Y.M. Pace

Dep. Reġistratur